PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10204 — Total Produce/Dole Food Company)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 193/05)

1. Fl-10 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Total Produce plc ("Total Produce", ir-Repubblika tal-Irlanda)

— DFC Holdings LLC ("DFC Holdings", l-Istati Uniti tal-Amerka)

Total Produce tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, ma' DFC Holdings u s-sussidjarja proprjetà kollha tagħha, Dole Food Company Inc ("Dole Food Company"). DFC Holdings u Dole Food Company flimkien jissejħu "Dole").

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Total Produce: l-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' frott u ħaxix frisk, inklużi l-banana u l-ananas. Total Produce tħaddem ukoll ċentri ta' maturazzjoni tal-banana u hija attiva madwar id-dinja, b'enfasi fuq l-Ewropa.

— Dole: il-produzzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix frisk, inklużi l-banana u l-ananas, fl-Amerka ta' Fuq, fl-Ewropa, fl-Amerka Latina, fl-Afrika t'Isfel u f'Dubai, b'enfasi ewlenija fuq l-Amerka ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10204 —Total Produce/Dole Food Company

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË